

- 2) Il-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 228, 13.07.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-26 ta' Mejju 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika**

(Kawża C-244/15) <sup>(1)</sup>

*(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Tassazzjoni — Moviment liberu tal-kapital — Artikolu 63 TFUE — Artikolu 40 tal-Ftehim taż-ŻEE — Taxxa tas-suċċessjonijiet — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li ttipprovi għal eżenzjoni mit-taxxa tas-suċċessjoni relattivi għar-residenza prinċipali bil-kundizzjoni li l-werriet ikun jirresjedi b'mod permanenti f'dan l-Istat Membru — Restrizzjoni — Ġustifikazzjoni)*

(2016/C 260/11)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou u W. Roels, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: M. Tassopoulou u V. Karrá, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) Billi adottat u żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni li ttipprovi għal eżenzjoni mit-taxxa tas-suċċessjoni relattiva għar-residenza prinċipali, li tapplika biss għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni li jirresjedu fil-Greċja, ir-Repubblika Ellenika naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 63 TFUE u l-Artikolu 40 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992.
- 2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C ##, ##.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-26 ta' Mejju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof - l-Awstrija) – GD European Land Systems – Steyr GmbH vs Zollamt Eisenstadt Flughafen Wien**

(Kawża C-262/15) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa doganali komuni — Klassifikazzjoni ta' merkanzija — Regolament (KEE) Nru 2658/87 — Nomenklatura Magħquda — Intestatura 8710 u subintestatura 9305 91 00 — Nota 3 tat-Taqsima XVII u Nota 1(ċ) tal-Kapitolu 93 — Tankijiet u vetturi korazzati tal-ġlied — Armi tal-gwerra — Klassifikazzjoni ta' sistema ta' turreta)*

(2016/C 260/12)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: GD European Land Systems – Steyr GmbH

Konvenut: Zollamt Eisenstadt Flughafen Wien

**Dispożittiv**

In-nomenklatura magħquda fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, fil-verżjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2013, tal-4 ta' Ottubru 2013, għandha tiġi interpretata fis-sens li sistema ta' turreta, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għet importata għall-produzzjoni ta' tankijiet tal-ġlied u, sussegwentement, tkun fil-fatt intużat għal dan l-iskop, taqa' taħt l-intestatura 8710 ta' din in-nomenklatura magħquda jekk tkun "prinċipalment" intiża għal tank tal-ġlied, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi u għall-proprietajiet oġġettivi ta' din is-sistema ta' turreta, mingħajr ma l-użu finali tagħha fil-każ ineżami jkun determinanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħha. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-imsemmija sistema ta' turreta, bħala parti jew aċċessorju ta' "armi ta' gwerra", għandha tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 9305 9100 tal-imsemmija nomenklatura magħquda.

(<sup>1</sup>) ĠU C 294, 07.09.2015

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-26 ta' Mejju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa - il-Latvja) – ZS "Ezernieki" vs Lauku atbalsta dienests**

(Kawża C-273/15) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Agrikoltura — Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija — Regolamenti (KE) Nru 1257/1999 u Nru 817/2004 — Għajjnuna għall-iżvilupp rurali — Irkupru tal-pagament indebitu — Żieda fiż-żona ddikjarata tul il-perijodu ta' impenn għal ħames snin lil hinn mill-limitu previst — Sostituzzjoni tal-impenn inizjali b'impenn ġdid — Nuqqas ta' osservanza mill-benefiċjarju tal-obbligu tal-preżentata tal-applikazzjoni annwali għall-pagament tal-għajjnuna — Leġiżlazzjoni nazzjonali li teħtieġ ir-rimbors tal-għajjnuna kollha mħallsa matul numru ta' snin — Prinċipju ta' proporzjonalità — Artikoli 17 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea)

(2016/C 260/13)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: ZS "Ezernieki"

Konvenuta: Lauku atbalsta dienests